# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
Telefax:(00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.g

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

It-Tmien Leġiżlatura

Laqgħa Numru 1/2024

24 ta' Jannar, 2024

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fis-4:00pm.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Sindku |
| Francis Callus | Viċi Sindku |
| Joanna Abdilla | Kunsilliera |
| Publio Abdilla | Kunsillier |

Skużat:

| | |
|---|---|
| Mark Cocker | Kunsillier |

Uffiċċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino: | Segretarju Eżekuttiv |

**1.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Is-Sindku qal li l-Kunsillier is-Sur Mark Cocker kien bagħat ittra ta' apoloġija għaliex ma kienx jiflaħ. Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker ġie skużat mil-laqgħa.

**1.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**1.2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**1.2.1** Is-Sindku staqsa lill-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla ref punt 14.1.2 (proġett VisMedNet ġewwa l-Bulgaria) jekk kienx għadu nteressat sabiex jattendi. Il-Kunsillier kkonferma li ma kienx jista', għalhekk is-Sindku staqsa jekk kienx hemm xi ħadd mill-Kunsilliera nteressat. Ħadd mill-Kunsillieri ma ura interess għalhekk is-Sindku qal li issa naraw jekk kienx hemm interess minn naħa tal-istaff.

**1.2.2** Is-Sindku qal li ref punt 14.1.5 (*syntetic turf* tal-grawnd tal-futbol) kien hemm xi żviluppi però kienet ser tiġi diskussa aktar tard fl-Agenda.

**1.2.3** Is-Sindku qal ref punt 14.1.6 (linji fi Triq San Pawl) kienu saru.

**1.2.4** Is-Sindku qal ref punt 14.1.7 (linji sofor fil-kantuniera Triq San Ġwann ma Triq il-Kuċċard) kienu saru.

**1.2.5** I-Sindku qal ref punt 14.2.6 (latrini pubbliċi) kien tkellem mal-President tar-Reġjun li kkonferma li l-*Clean Malta* għandhom in-nies kompetenti sabiex jagħmlu dawn ix-xogħolijiet. Is-Sindku qal li mhux ser inkunu l-uniku Kunsill li ser niffirmaw *agreement* ma' *Clean Malta* sabiex il-Kunsill jixtri l-materjal u x-xogħolijiet isiru minn *Clean Malta*.

**1.2.6** Is-Sindku qal ref punt 14.2.7 (*community Police*) fl-aħħar il-Kunsill tagħna kellu pulizija assenjat. Is-Sindku spjega li flimkien mas-Sindki ta' l-Imqabba u Ħal Kirkop kienu attendew laqgħa mal-Kummissarju tal-Pulizija. Is-Sindku spjega li diġa' jidher li l-ilmenti ser jibdew jiġu ndirizzati għaliex riċentament diġa' kienu solvew il-problema tal-karozzi tal-kiri. Huwa qal li waqt il-laqgħa s-Sindki preżenti kienu qajmu l-issue tad-distretti minħabba li ma bqajniex mal-għassa taż-Żurrieq.

**1.2.7** Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa ref punt 14.1.10 (*żebra crossing* Triq San Pawl) jekk konniex applikajna biex issir bil-*pelikan lights*.

1.2.8 Is-Sindku ressaq talba għal mera fi Triq San Ġwann kantuniera ma’ Triq Bieb il-Ġarra. Huwa spjega li veru hu perikoluż għal min ikun ġej minn naħa ta’ Triq San Ġorġ. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandha ssir mera pero’ l-Kunsill għandu jara fuq il-post fejn l-aħjar teħel il-mera biex jitnaqqas il-periklu.

1.2.9 Is-Sindku ressaq talba sabiex fi Triq San Pawl issir kaxxa safra bħalma jkun hemm quddiem garaxx għaliex sid f’din it-triq jdaħħal il-karozza fil-ġenb tad-dar pero’ ħafna drabi kienu qed jagħlqulu l-aċċess. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li ssir kaxxa safra b’linji maqtugħha.

1.2.10 Is-Sindku qal li waqt l-aħħar laqgħa tar-Reġjun kienu talbu sabiex il-Kunsill jiltaqa’ mal-*maniger* tal-Kultura l-ġdid. Is-Sindku qal li l-*maniger* tal-Kultura xtaq li nagħtuh idea tal-attivitajiet li ser iwettaq il-Kunsill biex ma noqogħdux ngħidulu waħda waħda u r-Reġjun ikun jista’ jipprogramma anki minħabba l-*budget*. Il-Kunsill iddiskuta u qabel ma dawn l-attivitajiet:

1. Via Sagra – 25 ta’ Marzu

2. Fl-okkażjoni mill-100 sena tal-Orgni li jaħbat l-ewwel orgni Mascione li ġie Malta jsir kunċert fil-Knisja. Is-Sindku qal li l-ħsieb għal din l-attivita’ hija xi data f’April u jekk ikun possibbli li nabbinawha ma Jum Ħal Safi ssir nhar il-Ġimgħa 12 ta’ April, 2024.

3. Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li l-Każinxtaqu li jtellgħu reċta (farsa) bejn April u Mejju li ssir fis-Sala tal-Komunita’.

4. Kunċert tal-Milied.

1.2.11 Is-Sindku qal li minħabba xogħolijiet ta’ trinek li kienu qed isiru minn naħa tal-Enemalta, s-Sindku taż-Żurrieq kienet qed tissuġġerixxi li Triq it-Torri ta’ Gawhar ssir OneWay. Is-Sindku spjega li l-Kunsill ta’ Ħal Safi diġa’ kien daħħal talba lil *Transport Malta* biex din it-triq ssir *One Way except for farmers and residents* liema talba ma kinitix ntlaqgħet. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li kien hemm żewġ toroq oħra li jistgħu jintużaw bħala diversion lejn Bubaqra minflok Triq it-Torri ta’ Gawhar.

## 1.3 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

**1.3.1** Il-Viċi-Sindku s-Sur Francis Callus qal li l-ħaddiema li kienu qed jiżbgħu l-bankijjiet u l-ħadid tal-madwar tal-bandli fejn kien hemm il-bżonn ta’ xkatlatura mhix qed issir.

**1.3.2** Il-Viċi Sindku s-Sur Francis Callus qal li l-fanali li hemm f'Misraħ San Mattew kellhom bżonn jinżebgħu ukoll.

**1.3.3** Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li f'Diċembru kien hawn Father Christmas idur mar-raħal.

**1.3.4** Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li l-Ħadd ta' wara l-laqgħa fil-pjazza kien ser ikun hawn l-*Blood Donation* Unit sabiex isiru n-*No Parkings*.

**1.3.5** Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li fi Frar kien hemm il-ħsieb li ssir ħarġa kulturali u oħra addattata għat-tfal.

**1.3.6** Is-Sindku qal li ref punt 14.3.6 (isem ġdid għal Parti li tagħti għal Salvu Cauchi) l-aħħar laqgħa l-Kunsill kien tkellem sabiex tissemma' għal mibki Pietru Pawl Busuttil. Is-Sindku qal li huwa kien tkellem mal-familjari ta' Pietru Pawl Busuttil pero' ma xtaqux li din it-triq tissemma' għalih, għalhekk issa l-Kunsill għandu jissuġġerixxa isem ġdid. Il-Kunsill iddiskuta. Il-Viċi Sindku ppproponali tissemma għal Filomenu Cachia. Il-Kunsill iddiskuta u qabel ma'dan is-suġġeriment u l-istess il-Kunsill ser jikkonsulta mal-familjarji tiegħu.

**1.4 Rapporti**

Approvazzjoni Budget għas-sena 2024

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-budget annwali għas-sena 2024 li kien ser jiġi diskuss waqt il-laqgħa pubblika. Dan ġie approvat biex jiġi uploadjat.

**1.5 Performance Bonus Segretarju Eżekuttiv**

Is-Sindku ressaq il-performance appraisal report tas-Segretarju Eżekuttiv u ssuġġerixxa li tingħata l-ammont massimu tal-bonus. Kien hemm qbil unanimu li s-Segretarju Eżekuttiv tieħu l-massimu tal-bonus. Dan ir-rapport għandu jitressaq għall-approvazzjoni tad-Dipartiment qabel jitħallas.

**1.6 Performance Bonus Ħaddiema tal-Kunsill**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-*performance appraisal report* tal-iskrivani u qalet li tħoss li l-iskrivani kienu qegħdin jagħmlu ħilithom bil-kbir sabiex ix-xogħol tal-Kunsilljimxi b'mod effiċjenti u għalhekk issuġġerixxa illi għandhom jingħataw l-*full performance bonus,* dak ta' 6%. Il-Kunsill qabel unanimament.

1.7 **SPI/SCI/1/2024 Skema dwar Restawr ta' Postijiet/Monumenti Storiċi F'Malta**

Is-Sindku ressaq l-iskema dwar ir-Restawr ta' Postijiet/Monumenti Storiċi f'Malta lill-Kunsilliera. Huwa qal li taħt din l-iskema l-Kunsill seta' japplika għal binja storika li għandna f'Ħal Safi minbarra l-Knisja Parrokjali. Il-Kunsill iddiskuta. Is-Sindku propona li nivverifikaw nistgħux napplikaw sabiex isir ir-restawr taż-żewġ kmamar li hemm fiċ-Ċentru Parrokjali (il-parti l-qadima) u l-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla ppropona li nirrestawraw il-ġenb tal-ħajt ta' barra tal-Knisja Parrokjali. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li jekk ma nistgħux napplikaw għac-Ċentru Parrokjali allura l-Kunsill japplika għal ħajt tal-ġenb tal-Knisja li jmiss mal-Każin PN.

**1.8 Proġetti fil-Komunitajiet 2024 (Lesa)**

Is-Sindku ressaq l-applikazzjoni għal Proġetti fil-Komunitajiet 2024 (LESA). Huwa qal li kien ra l-kriterja tal-proġetti li setgħu jsiru taħt din l-inizjattiva u ssuġerixxa li peress li l-Kunsill jista' japplika sabiex isir s-synthetic turf tal-grawnd tagħmel sens li napplikaw u nħallu l-flus mwiegħda għal Sebbaħ il-lokal. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għal din l-applikazzjoni l-Kunsill japplika sabiex isir t-turf mill-ġdid tal-grawnd tal-futbol.

**1.9 Applikazzjonijiet għall-CommunalDisabled Parkings**

Is-Sindku spjega li *Transport Malta* kienu bagħtulna notifika li minn issa l-applikazzjonijiet għal communial disabled parking Bay for Blue Badge Holders l-ewwel ser jibdew jiġu approvati mill-Kunsill, imbagħad l-Kunsill jibgħat l-applikazzjoni lil *Transport Malta* għall-approvazzjoni tagħhom.

Is-Sindku ressaq żewġ talbiet għal-Communal Reserved Parking waħda fi Triq San Ġorġ u oħra fi Triq Ta' Rqajja. Il-Kunsill iddiskuta u approva dawn l-applikazzjonijiet sabiex jgħaddu għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

**1.10 Variations Tender Restawr Ġnien Sir Alexander Ball**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet l-varjazzjonijiet li nqalgħu max-xogħol fi Ġnien Sir Alexander Ball. Hija spjegat li skond il-Kuntratt il-Kunsill seta' jitlob l-approvazzjoni għal varjazzjonijiet sa 20% fuq xogħolijiet li setgħu jinqalgħu, u li ma kienux jidhru fil-boq's tat-tender. Hija qalet li kienet tkellmet ukoll mal-Gal Xlokk li kkonfermaw li l-Kunsill seta' jissottometti *change request* fuq il-valur il-ġdid forsi nkunu nistgħu nibbenfikaw anki l-fondi għal dawn il-varjazzjonijiet.Il-Kunsill iddiskuta u qabel mal-varjazzjonijiet u li l-Kunsill jiprova japlika għal aktar fondi biex inkopru dawn l-ispejjeż.

**1.9 Korrispondenza**

Is-Segretarju Eżekuttiv tat kopja tal-incoming mail lill-Kunsillieri u saret diskussjoni fuq diversi emails li rċieva l-Kunsill.

**1.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

Il-pagamenti kollha ġew diskussi u approvati unanimament.

**1.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fit-7.29pm. Laqgħa li jmiss ser tkun nhar il-Ħamis 22 ta' Frar, 2024 fl-4:00pm.

| | |
|---|---|
| Iffirmati | Iffirmati |
| Johan Mula | Doris Baldacchino |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |